**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 867/01AE**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Arthur Attard u l-istess Arthur Attard**

**vs**

**Vincent Desira.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm252.49) (Lm227.49 lil Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lil Arthur Attard) rizultanti min

incident tat-traffiku li sehh gewwa l-Marsa fid-29 ta’ Dicembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq l-vettura bin-numru AAJ 376 habat mal-vettura bin-numru IAS 052 propjeta ta’ l-attur Arthur Attard, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut minhabba mprudenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta (fol. 9) li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda u ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh fid-29 ta’ Dicembru 2000 gewwa Triq Aldo Moro, Marsa.

2. L-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Volkswagen Jetta bin-numru ta’ registrazzjoni IAS –052, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq trukk Leyland bin-numru ta’ registrazzjoni AAJ 376. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni tal-Belt, Valletta.

3. Il-kontendenti taw verzjonijiet differenti ta' kif sehh l-incident li huwa l-meritu ta' din il-kawza:

(a) L-attur iddikjara li kien qieghed isuq fir-raba' karreggjata (dik mas-centre strip) li tinsab fi Triq Aldo Moro, Marsa u kif kien mar-*roundabout* it-trukk misjuq mill-konvenut gibed ghal fuqu;

(b) Il-konvenut ighid li huwa kien qieghed isuq fit-tielet karreggjata (it-tieni min-naha tas-*centre strip*) u kif wasal vicin il-liwja tar-roundabout, il-vettura misjuqa mill-attur dahlet fil-karreggjata tieghu. Spjega li l-incident sehh fil-parti d-dritta tat-triq, u li meta sehh l-incident kien kwazi qabez il-vettura misjuqa mill-attur.

4. Il-hsara fuq il-vettura ta' l-attur kienet fuq in-naha tax-xellug fil-mudguard u l-bieba ta' quddiem, filwaqt li l-hsara fit-trukk kienet *"scratch on right rear arch panel"* (ara okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz).

5. It-Tribunal irid jiddecidi ghab-bazi tal-principju *iuxta allegata et probata*, u dan skond it-talba attrici u l-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti

Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it….. In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, makes the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff".* F'din l-istess sentenza l-Qorti kompliet tispjega: *"Fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqx lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur".*

6. L-argument ta' l-atturi huwa li waqt manuvra ta' sorpass li kien qieghed jaghmel it-trukk Leyland, dan laqat il-vettura milquta mill-attur u gibed il-mudguard ta' quddiem tal-vettura Volkswagen Jetta. It-Tribunal kellu l-opportunita jmur fuq il-post ta' l-incident u jara l-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident. Huwa minnu dak li argumenta l-avukat difensur tal-konvenut li l-karreggjata li kien ghaddej minnha l-attur fit-traettorja taghha twassal ghal min irid idur mar-roundabout.

Tant hu hekk li wara r-roundabout hemm tlett karreggjati u din ‘l hekk imsejha raba’ karreggjata tkompli ddur mar-roundabout. Jekk kif ighid l-attur huwa kien qabad ir-roundabout, sabiex seta’ jikompli fi triqtu fid-direzzjoni ta’ Blata l-Bajda kellu jaqbad it-tielet karreggjata. It-Tribunal jemmen li huwa iktar verosimili li kif l-attur wasal mar-roundabout, peress li kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-Belt, Valletta, gibed ghal fuq ix-xellug tieghu u laqat it-trukk misjuq mill-konvenut. Dan qieghed jinghad minkejja l-fatt li l-konvenut xehed li l-incident sehh fil-parti d-dritta tat-triq.

7. It-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz odjern ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tat-Tribunal favur it-tezi ta’ l-atturi. F’dawn ic-cirkostanzi m’huwiex lecitu li t-Tribunal jifforma opinjoni favur it-tezi ta’ l-atturi, li trid tkun motivata fuq preponderanza ta’ probabilitajiet. It-Tribunal ma jistax f’dan il-kaz ighid li, fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemu, huwa moralment sodisfatt li l-atturi ssodisfaw l-oneru tal-prova taghhom, li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza, jew li b’xi mod ikkontribwixxa ghalih.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-atturi u jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**